MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Numru. 230/2013

**Artikoli 17, 23, 31, 106(1)(2) u (3), 108(1)(b) u 109 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**JOSEPH ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH ZAMMIT** ta' 55 sena, bin George u Christina nee' Azzopardi, imwieled Qormi fl-24 ta' Novembru, 1957 u residenti 224, 'Magri', Triq L-Imdina, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 808457(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta' Frar, 2012 quddiem Dr. Alexandra Micallef LL.D. ta xhieda falza f'kawza civili permezz ta' affidavit quddiem persuna li bil-ligi ghandha setgha li taghti l-gurament.
2. U akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala

xhud ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat li tinsab a fol. 2 et seq tal-Process u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li jinsab a fol. 13 tal-Process.

Illi nhar it-22 ta' April, 2013 xehed **Mario Camilleri** u kkonferma li fit-18 ta' Novembru, 2010 kien involut f'xi ncident tat-traffiku u dan fi Triq Aldo Moro, il-Marsa. Spjega li kien miexi u f'daqqa wahda giet karozza u tefghatu fuq karozza ohra. Mistoqsi jekk jiftakarx x'ghamla kienet din il-karozza li dahlet go fih wiegeb li kienet Skoda Favorit. Mistoqsi min kien qieghed isuq dik il-karozza fil-hin tal-incident spjega li kienet persuna ta' madwar tlieta u ghoxrin (23) sena jew erbgha u ghoxrin (24) sena u kien liebes ta' *Warden*. Spjega li dak il-hin kienu ghaddejjin zewg *Wardens* ohra li talbuhom sabiex jitfghu mal-hajt. Huma ftiehemu, marru fil-Marsa Sports Ground u bdew jimlew il-karti li kienu l-formoli tal-*bumper* to *bumper*. Spjega li kemm hu kif ukoll is-Sinjura Hili li kienet rikba f'karozza quddiemu imlew il-karti u spjega li waqt li hu u s-Sinjura Hili kienu qed jimlew il-karti l-persuna maskili li kienet rikba l-vettura ta' wara baqghet fil-karozza baqa' jitkellem fuq il-*mobile* ghax dam kwarta, imbaghad hareg mela l-karta, ma riedx jiffirma fuq il-karta, izda mbaghad iffirma u telqu. Mistoqsi x'kienet il-firma l-isem u l-kunjom li s-sewwieq ta fuq il-formola tal-*bumper* to *bumper* wiegeb li kien l-isem ta' Joseph

Zammit. Mistoqsi jekk hux qed jaghraf lil xi hadd fl-Awla huwa wiegeb le. Mistoqsi jekk humiex ghaddejjin xi proceduri civili dwar din il-kollizjoni wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk jafx xi haga rigward din il-kawza spjega li huma jattendu bl-Avukati imma min dahal fihom qatt ma gie.

L-istess xhud in kontro ezami gie mistoqsi biex jiddeskrivi l-incident naqra fid-dettal il-habta kif kienet u hu spjega li kienu mexjin u f'daqqa u l-hin dahal wiehed go warajh u tefghu fuq ta' quddiemu. Gie mistoqsi meta qed jghid konna, min kienu jghid li hu kien miexi l-quddiem kien hemm persuna ssuq quddiemu miexja l-quddiem, ta' warajh gie u tefghu fuq ta' quddiemu. Huwa qal li l-ispazju li kien hemm bejn il-karozza tieghu u l-vettura quddiemu kien normali. Mistoqsi x'inhu normali ghalih wiegeb li ma setghax jghid ezatt bil-pied. Huwa spjega tul ta' karozza xi haga hekk. Huwa kkonferma li l-vettura ta' warajh giet u taghtu daqqa u tefghatu fuq ta' quddiemu. Huwa kkonferma ukoll li din id-daqqa kienet daqqa qawwija. Huwa spjega li fil-vettura garrab hsara fuq quddiem u fuq wara. Mitlub jiddeskrivi dawn il-hsarat huwa spjega li kellu hsara wara l-*bumper*, quddiem il-*bonnet*, il-*mudguard*, faccata u fanali.  Huwa spjega li l-hsara fil-*bumper* kienet li spicca  maqsum. Mistoqsi jispjega ghaliex fil-formola tal-*bumper to bumper* ma kienx nizzel il-hsara li sofra wiegeb li kollox sar bl-ghagla. Huwa qal li fuq il-post tal-incident ma marrux Pulizija. Huwa mar ghand il-Pulizija jaghmel rapport. Mistoqsi kif iddeskrivilhom il-hsara li kellu huwa wiegeb li hareg mieghu s-Surgent u ra b'ghajnejh. Mistoqsi ghaliex is-Surgent ma ra l-ebda

hsara fuq il-vettura tieghu fuq in-naha ta’ wara jghid li s-Surgent fuq quddiem ra biss. Mistoqsi jekk is-Surgent ma rahiex il-hsara fuq wara kif jispjega dan in-nuqqas u jghid li d-daqqa tahielu fuq wara izda l-*mudguard* baqa’ f’postu, hu tefghu fuq quddiem. Huwa spjega li fuq quddiem kellu hsara fil-*mudguard*, fil-*bumper*, fil-faccata u fil-fanali. Gie mistoqsi jekk gibidx l-attenzjoni tas-Surgent biex jara wara ukoll huwa wiegeb iva imma wara ma kienx daqshekk imkabar daqs quddiem. Mistoqsi jekk l-ewwel impatt sehhx bil-karozza tieghu mal-karozza ta’ quddiem huwa spjega li le kienet id-daqqa li qala’ mill-vettura ta’ wara li tefghatu fuq ta’ quddiemu.

Illi nhar it-22 ta’ April, 2013 xehdet **Lorene Hili** u kkonfermat li kienet involuta f’incident awtomobilistiku li sehh fis-sena 2010 u ddiskriviet dan l-incident kif sehh u spjegat li kienet ghaddejja minn Triq Aldo Moro, il-Marsa u hasset daqqa fuq in-naha ta’ wara u harget u rrealizzat li kien hemm tlett karozzi nvoluti fil-habta u mhux tnejn, dahlu hdejn il-Marsa Sports Ground biex ma jibqghux fil-karregjata, hi u Mr Camilleri hargu u mlew il-*bumper to bumper form* mill-ewwel u l-persuna li kienet qed issuq it-tielet karozza fuq wara nett damet bejn ghaxra (10) u hmistax (15)-il minuta fuq il-*mobile*. Hareg, mela l-*bumper to bumper form* mas-Sur Camilleri u kien ha jitlaq minghajr ma jiffirma. Minn hemmhekk ovvjament ghamlet il-*claim* taghha ghand l-*insurance* taghha u bazikament l-*insurance* qaltilha li l-persuna li kienet qed issuq it-tielet karozza ma kinitx fethet *claim* u bdew il-kumplikazzjonijiet. Mistoqsija x’kienet qed issuq il-persuna tat-tielet karozza hija wiegbet Skoda Favorit. Mitluba sabiex

tiddeskrivi l-persuna li kienet qed issuqha spjegat illi kienet twila, ta' eta' bejn wiehed u iehor ta' hamsa u ghoxrin (25) u s-sitta u ghoxrin (26) sena, kienet liebsa uniformi ta' *Warden*. Hija qalet li fuq il-formola tal-*bumper to bumper* mela l-isem u kunjom ta' Joseph Zammit. Giet mistoqsija sabiex tara jekk taghrafx lil xi hadd fl-Awla. U stqarret li ma kintix qed taghraf  il-persuna li kienet qed issuq il-vettura li habtet fil-vettura li kien hemm warajha. L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami giet mitluba tispjega ftit il-hsara li kellha fuq il-vettura taghha u spjegat li kellha l-*bumper* ta' wara. Ikkonfermat li kienet qed issuq Toyota Yaris waqt li l-karozza li laqtitha kienet Peugeot. Mistoqsija  tispjega xi hsarat kellha l-vettura Peugeot tghid li kellha hsara kemm fuq il-quddiem taghha kif ukoll fuq wara.  Naturalment tghid li dak hu li setghet tara hi pero' ovvjament qabel jigi s-*surveyor* ma tkunx taf ezattament xi hsara kien hemm, pero' jidher li kien hemm xi affarijiet zghar fuq in-naha ta' wara. Mistoqsija x'kien hemm fuq in-naha ta' wara hija qalet li rat id-daqqa u spjegat li l-*bumper* ta' wara kien jidher li kien hemm daqqa zghira fuqu. Mistoqsija jekk kienx maqsum jew migruf hija spjegat li ma qghaditx tara l-hsarat illi kellu s-Sur Camilleri fuq in-naha ta' wara ghaliex hija *kellha interess fuq* l-karozza l-iktar. Mistoqsija jekk ratx hafna hsara fuq in-naha ta' wara spjegat li t-Toyota Yaris taghha kellha l-*bumper* il-blu, jigifieri l-*bumper* tal-*plastic* ma kienx hemm ghalfejn jinbidel u nbidel il-*bumper* il-blu biss. Giet mistoqsija xi hsarat kellha l-vettura ta' warajha fuq quddiem u spjegat il-fanal zgur izda dwar jekk kienx hemm hsara fil-*bonnet* ma tiftakarx pero' il-*bonnet* kien minsus zgur u kien hemm il-fanal li kien minsus ukoll. Mistoqsija jekk meta sar l-impatt hija kinitx wieqfa jew kintix qed

issuq spjegat li kienu qed isuqu pero' mhux b'velocita' kbira ghaliex kien hemm daqsxejn ta' *traffic*, kien filghodu u l-art kienet tizloq daqsxejn ukoll, allura ovvjament kullhadd kien qisu miexi daqsxejn bil-mod. Mistoqsija kemm il-impatt hasset hija qalet wiehed li kien daqsxejn qawwi u spjegat li meta harget mill-karozza hasbet li kellha iktar hsarat minhabba d-daqqa li hasset. Mistoqsija liema vettura kellha l-iktar hsarat mit-tlieta li huma hija spjegat li tan-nofs ovvjament ghaliex intlaqtet minn quddiem u ntlaqtet minn wara, waqt li hija ntlaqtet minn wara biss. Mistoqsija f'liema naha tal-*bumper* kienet id-daqqa, fin-nofs jew fil-genb hija spjegat lejn in-naha tan-nofs.

Illi nhar it-22 ta' April, 2013 xehed **Engelbert Zammit** fejn gie mwissi mill-Qorti rigward il-konsegwenzi jekk huwa qieghed jaghzel illi jixhed u ghalhekk ghandu jiddikjara jekk hux lest illi jixhed jew le wara li gie mwissi skond il-ligi huwa wiegeb le. Stqarr li huwa kien ghaddej proceduri kriminali u ma xtaqx jixhed sabiex ma jimbarrazax lil missieru. Mistoqsi jekk il-proceduri kriminali li kien ghaddej kinux fuq dan l-incident ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Illi nhar it-22 ta' April, 2013 xehdet l-**Ispettur Sarah Magri** u spjegat illi kienet irceviet kwerela minghand Dr. Simon Cachia rigward incident li kien gara fis-sena 2010 fi Triq Aldo Moro fejn fiha kien hemm kolluzjoni li jsejhulha *bumper to bumper collision* fejn dawn imlew il-formoli necessarji tal-*bumper to bumper* fejn deher li fl-

incident kien hemm involuti tlett (3) vetturi. Wahda minnhom tal-ghamla Skoda Favorit bin-numru tal-pjanci HAC 847 fejn minn naha tal-Pulizija kienet tidher li kienet irregistrata fuq certu Joseph Zammit fejn hawnhekk qed taghrfu anka gewwa l-Awla. Il-vettura HAC 847 jidher li dakinhar kienet misjuqha minn certu Engelbert Zammit li jigi iben is-Sinjur Joseph Zammit fejn minn naha tieghu hu kien mela l-formola tal-*bumper to bumper* f'isem missieru Joseph Zammit fejn anka giet iffirmata mill-istess Engelbert Zammit f'isem missieru Joseph Zammit.

Hija giet mitluba sabiex tinvestiga min kien iffirma u mela din il-formola u minn investigazjoni preliminari mizmuma minnha rrizultalha li l-vettura kienet qed tinstaq minn Engelbert Zammit fil-hin tal-incident u fil-fatt resquh il-Qorti. Hija nvestigat ukoll lil Joseph Zammit li ddecieda illi ma jkellimx avukat qabel ma jirrilaxxja l-istatement tieghu. Huwa ffirma d-dikjarazzjoni tar-rifjut tad-dritt tal-avukat. Fl-istatement li ttiehed minnha stess nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu jidher li s-Sur Zammit ma wegibx anzi baqa' sieket ghal kull mistoqisja li ghamlitlu  kif ukoll anka ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tal-Pulizija. Esebiet il-formola tad-dritt tal-avukat ghall-parir legali fejn fiha anka Joseph Zammit ghazel li ma jiffirmahiex u din giet esebita u mmarkata bhala Dok MS2. Mistoqsija jekk fl-istqarrija tal-imputat huwa nghatax twissija skond il-Ligi hija wiegbet iva, inghata d-dritt li jibqa' sieket u li ma jwegibx ghall-istess stqarrija, hu ghazel li ma jiffirmax u anke baqa' sieket ghal kull mistoqsijiet li ghamlitlu. Mistoqsija jekk hux qed taghraf il-firem li hemm fuq l-istqarrija hija

wiegbet iva qed taghraf il-firma taghha flimkien ma' tal-Pulizija PC 749 Matthew Pace. Esebiet ukoll kopja ta' affidavit allegatament irrilaxxjat minn Joseph Zammit fejn minhabba li kien hemm kawza civili ghaddejja giet mitluba min-naha tal-*insurances* sabiex tghaddilhom kopja tal-affidavit ta' Joseph Zammit fejn fiha hemm miktub illi s-Sur Joseph Zammit kien qieghed isuq vettura u kien involut fl-incident. Fil-fatt dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok MS3.

Illi nhar is-27 ta' Mejju, 2013 xehed **Brian Farrugia** u spjega li gie mitlub mill-Pulizija biex jghid fuq min hi rregistrata l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAC 847. Mir-ricerka li ghamel irrizultalu illi din il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAC 847 hija vettura tal-ghamla Skoda Favorit ta' lewn hadrani, u hija rregistrata f'isem Joseph Zammit bil-karta tal-identita' 808457M u ilha hekk registrata fuq ismu mid-19 ta' Gunju, tas-sena 2009 u ghadha hekk irregistrata sal-lum. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok BF1.

Illi nhar is-27 ta' Mejju, 2013 xehed **PC 255 Guido Briffa** u spjega illi nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, 2010 mar il-kwerelant Mario Camilleri jirraporta illi nhar it-18 ta' Novembru, 2010 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart (6:45) ta' filghodu kien involut f'incident bil-vettura tieghu. F'dan ir-rapport il-kwerelant kompla jzid illi kien involut ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAC 847 li meta x-xufier ta' din il-vettura nizel kien nizel persuna bl-uniformi ta'

*Warden* fejn qallu biex jitfghu l-karozzi mal-genb sabiex jimlew il-formola *bumper to bumper*. Dakinhar il-kwerelant mar ghand tal-*insurance* fejn meta mar ghand tal-*insurance* qalulu li d-dettalji li tah dak ix-xufier kienu hziena u li dawn id-dettalji kienu ta' certu Joseph Zammit ID Card 808457M, number 224, Triq l-Imdina, Hal Qormi, il-*mobile number* 99423130 u dawn id-dettalji rrizultaw li kienu ta' sid ir-ritratt tal-persuna li tela' bhala sid il-vettura u huwa spjega li din il-persuna murija fir-ritratt bil-*particulars* ta' Joseph Zammit ma kinitx dan il-persuna li nizlet mill-vettura u meta fittxew fid-dettalji ta' sid il-vettura rrizulta li kellu tifel Engilbert Zammit fejn meta urew ir-ritratt lill-kwerelant qal li din kienet il-persuna li nizlet mill-vettura dakinhar tal-incident.Ipprova jsir kuntatt diversi drabi ma' Joseph Zammit izda dawn kollha rrizultaw fin-negattiv, sar kuntatt ukoll mal-Ghassa ta' Hal Qormi sabiex imorru fl-imsemmi ndirizz fejn dan ukoll irrizulta fin-negattiv. Fl-ahhar dan ir-rapport sar ghall-uzu ta' *insurance*. Mistoqsi jekk jiftakarx fejn sehh dan l-incident tat-traffiku huwa wiegeb li l-incident sehh, fi Triq Aldo Moro, il-Marsa. Mistoqsi jekk hux qed jaghraf lil xi hadd f'din l-Awla huwa wiegeb li qed jaghraf lil Joseph Zammit bhala sid il-vettura. Gie mitlub sabiex jesebixxi dak ir-rapport u huwa esebih bhala Dok GB1. Mistoqsi jekk infurmax lil xi hadd b'dan ir-rapport huwa wiegeb li nforma lis-Surgent 201 li dakinhar kien qieghed ilahhaq id-distrett. Mistoqsi jekk jafx x'ghamel minn naha tieghu s-Surgent huwa spjega li s-Surgent irraporta fuq l-indirizz imsemmi sabiex jara jsirx kuntatt ma' Joseph Zammit fejn dan irrizulta fin-negattiv fejn halla ukoll *letters to call* u qatt ma avvicinhom wara dakinhar.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi jekk hu qieghedx jaghraf lil Joseph Zammit prezenti fl-Awla minhabba r-ritratt li ra fuq il-PIRS huwa wiegeb li gharfu bhala Joseph Zammit li telalhom fuq is-sistema tal-PIRS bhala sid il-vettura nvoluta fl-incident. Mistoqsi jekk personalment qatt ra lil Joseph Zammit ix-xhud wiegeb li lil Joseph Zammit personalment qatt ma rah peress li ma sarx kuntatt mieghu.

Illi nhar is-27 ta' Mejju, 2013 xehed **PS 201 Sandro Magro** fejn gie muri Dok GB 1 u gie mistoqsi x'kien l-involviment tieghu f'dan ir-rapport. Spjega li gie nfurmat minn PC 255, li kellu bzonn l-assistenza sabiex ikun jista' jsib lill-imputat gewwa Hal Qormi ghax kienu anke ppruvaw bil-Pulizija tad-distrett u kienu marru huma ukoll gewwa 224, Magri, Triq l-Imdina, Hal Qormi ghax ma kienx seta' jaghmlu kuntatt mieghu la fuq il-*mobile* u lanqas bit-*telephone* u hallewlu xi *letters to call* pero' ma kellhom l-ebda rispons. Gie mistoqsi lil min ippruvaw isibu u x-xhud spjega li huma ppruvaw isibu lil Joseph Zammit ghax skond ir-*registered owner* tal-vettura , il-persuna hija Joseph Zammit.

Illi nhar is-6 ta' Awwissu, 2013 xehdet in-**Nutar Alexandra Micallef**

fejn giet mistoqsija jekk fl-ewwel lok kinitx giet mahtura minn xi Qorti sabiex tiehu affidavit u jekk tistghax tispjega lill-Qorti fuq x'hiex x'kien l-incidenti hija wiegbet li hija ma giet mahtura mill-ebda Qorti sabiex tiehu affidavit. Hija spjegat illi Joseph Zammit ha gurament

quddiemha permezz ta’ affidavit quddiemha. Giet mistoqsija x’inhu l-kontenut ta’ dan l-affidavit hija spjegat li l-kontenut kien jirrigwada ncident awtomobilistiku li sehh f’Aldo Moro Street, il-Marsa. Giet mistoqsija jekk taghrafx lil Joseph Zammit gewwa l-Awla hija wiegbet iva. Hija spjegat li hadet dan l-affidavit nhar is-sittax (16) ta’ Frar, 2012. Giet mitluba sabiex tipprezenta dan l-affidavit u esebiet kopja legali tieghu li gie mmarkat bhala dokument AM 1.

Illi nhar il-25 ta’ Novembru, 2013 xehed **Dr. Simon Cachia** u gie mistoqsi jekk xi ftit zmien ilu kienx ghamel kwerela mal-Pulizija u jistghax jghidilhom fuq l-incident biex jiftehmu *bumper to bumper* li ghandu kawza fic-civil fuqha. Jistghax jghidilhom din il-kwerela f'hiex kienet tikkonsisti u x-xhud spjega l-ewwel haga li ried jghid li huwa biss l-avukat li kieteb u ffirmha l-kwerela. Jigifieri hu mhux id-Direttur tal-Atlas Insurance u lanqas hu rapprezentant legali jew gudizzjarju taghhom. Huwa kien ipprepara l-kwerela fuq l-informazzjoni li naghta lilu mill-klijent bazikament. Mistoqsi min hu l-klijent tieghu spjega li l-klijent tieghu hija s-socjeta’ assikuratrici Atlas Insurance Limited u *in poce parole* l-klijent qallu bazikament illi mir-rapport tal-Pulizija dwar l-incident tat-tmintax (18) ta' Novembru, tal-2010 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa rrizulta illi bazikament is-sewwieq li kien jismu Engilbert Zammit kien ta d-dettalji ta' missieru li hu sid il-vettura cioe’ Joseph Zammit bhala s-sewwieq u ma tax il-*particulars* tieghu u dan Engilbert kien ukoll iffirma f'isem missieru Joseph Zammit. Imbaghad irrizulta mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija u tal-*insurances* li fil-fatt is-sewwieq ta' din il-vettura kien Engilbert Zammit u kien ukoll liebes uniformi ta'

*Warden*. Spjega ukoll illi hemm arbitragg mandatorju ghaddej fuq il-habta. F'dan l-arbitragg mandatorju Joseph Zammit kien ipprezenta affidavit li fih qal bil-gurament illi kien hu s-sewwieq tal-vettura mbaghad iktar tard ipprezenta affidavit iehor fejn irtira dak l-affidavit originali tieghu. U hag'ohra li gie nnotat mill-klijent kien illi l-firma ta' Joseph Zammit fuq l-affidavit tieghu kienet fil-fatt differenti mill-firma li kien hemm fuq il-formola tal-*bumper to bumper* li allegatament intliet minn Joseph  Zammit. Gie mistoqsi jekk ghandux kopja tal-kwerela fuqu hu wiegeb li ghandu kopja mhux ufficjali. Gie mistoqsi jekk jistghax jipprezenta kopja ufficjali forsi iktar tard u hu wiegeb li le setgha jiffirmha issa. Huwa pprezenta seduta stante vera kopja tal-istess u giet immarkata bhala Dok SC1. Gie mistoqsi jekk kienx semma’ meta kienu gew ipprezentati l-affidavits ix-xhud spjega li le ghaliex dawk gew ipprezentati l-Malta Arbitration Centre mbaghad jigu mqassma lill-partijiet bil-posta jigifieri jahseb li d-data preciza mill-Malta Arbitration Centre tista' tinghata. Pero' jista’ jiccekja forsi ghandux xi ittra jew xi timbru. Gie mistoqsi jekk it-tieni affidavit jaf jekk hux qabel, wara li bdiet din il-kawza, ghandux idea huwa wiegeb it-tieni affidavit li permezz tieghu gie rtirat l-ewwel affidavit  gie pprezentat meta kien infurmat li diga' kienu bdew dawn il-proceduri kriminali. Fil-fatt ra hemmhekk it-tieni affidavit hemm timbru tal-Malta Arbitration Centre fuqu u hemm id-data tal- hamsa (5) ta' April, 2013. Huwa spjega li huwa kopja li jkun intbaghat lilu mill-Malta Arbitration Centre.

Illi nhar il-25 ta' Novembru, 2013 xehdet l-**Ispettur Sarah Magri** u pprezentat ammont ta' sentenzi li nghataw fil-konfront ta' Joseph Zammit u dawn gew esebiti bhala dokument MBS1.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali datat 16 ta' Dicembru, 2013 li permezz tieghu baghat l-artikoli sabiex il-kawza tinstemgha b'mod sommarju.

Rat ili fis-seduta tat-3 ta Jannar, 2014 gew moqrija l-artikoli u l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq riferita.

Il-Qorti nnotat li ghalkemm fir-rinviju tal-Avukat Generali tad-9 ta' Ottubru, 2013 l-Avukat Generali talab lill-prosekuzzjoni taghmel il-prova tar-recidiva fil-konfront tal-imputat odjern meta baghat l-artikoli nhar is-16 ta Dicembru, 2013 ghogbu ma jakkuzahx bir-recidiva.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Magistrat sedenti b'digriet tal-Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014 flimkien ma' numru kbir ta' kawzi ohra.

Rat illi din il-Qorti kif preseduta appuntat din il-kawza ghas-smiegh ghal quddiemha ghal nhar l-14 ta' Mejju, 2014 fejn deher l-imputat assistit minn Dr. Jason Grima u l-ufficcjal prosekutur u d-difiza talbet differiment sabiex thejji d-difiza taghha.

Illi nhar it-3 ta' Gunju, 2014 l-imputat iddikjara li ma kellux xhieda xi jressaq u flimkien mal-prosekuzzjoni ghamlu t-trattazzjoni taghhom u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi in breve f'din il-kawza l-prosekuzzjoni resqet provi u stabbilit li effettivament fit-18 ta' Novembru, 2010 sehhet kollizzjoni fi Triq Aldo Moro fejn fiha kien hemm involut certu Mario Camillieri u Lorene Hili u terza persuna. Jidher li skond il-*bumper to bumper form* is-sewwieq tat-tielet vettura kien certu Joseph Zammit pero' meta Mario Camillieri mar l-ghassa jaghmel rapport u gie muri ritratt tal-imputat stqarr li ma kienx hu qed isuq fil-jum u hin tal-incident izda persuna hafna izghar u meta gie muri r-ritratt ta' bin l-imputat certu Engelbert Zammit, ix-xhud Mario Camilleri gharfu bhala s-sewwieq tat-tielet vettura li effettivament kienet iffirmat il-formola tal-*bumper to bumper* f'isem Joseph Zammit. Il-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud ukoll lin-Nutar Alexandra Micallef li kkonfermat li l-imputat odjern li gharfet prezenti fl-awla kien mar ghandha u ghamel affidavit li gie esebit fl-atti u mmarkat bhala dok AM1. F'dan l-affidavit l-imputat

kien stqarr li kien hu li kien involut fl-incident tat-traffiku meta kien qed isuq vettura tal- ghamla Skoda u li habat fil-vettura ta' quddiemu tal-ghamla Peugeot li sussegwentement habtet fil-vettura l-ohra tal-ghamla Toyota Vitz. Ikkonferma ukoll li dakinhar kienu dahlu fil-gemb tad-dahla li hemm ghall-Marsa Sports Club u mlew il-formola tal-*bumper to bumper*.

A bazi ta' dawn il-provi l-Avukat Generali dehrlu li setgha johrog l-akkuzi kif imsemmija fl-artikoli mibghuta minnu fir-rinviju tieghu.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 106 (a), (b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ir-reat ta' spergur f'procedura civili. Dan l-artikolu jiddisponi s-segwenti:-

**Artikolu 106. (1***) "Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel, ........*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.*

*(3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għall-proċeduri ċivili f'Malta, jeħel, ......"*

Illi ghalhekk sabiex jissusisti dan ir-reat huwa rikjest li persuna tahlef il-falz f'materja civili u cioe' f'kawza civili u jekk tali persuna jaghmel affidavit il-prosekuzzjoni trid tipprova li dan l-affidavit kien mahsub ghall-procedura civili.

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament kien hemm kawza civili pendenti l-Qorti u li tali affidavit intuza f'din il-kawa civili. Mhux bizzejjed li tressaq lil Dr. Simon Cachia u jghid li l-affidavit intuza fil-Malta Arbitration Centre jew adirittura li tressaq lil Mario Camilleri jghid li kien jattendi (bla ma jghid fejn) u ma jsir xejn ghaliex is-sewwieq tal-vettura ma kienx jidher. Dan mhux il-modus kif ghandhom jitressqu l-ahjar prova li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni. Din l-ewwel akkuza ma tirrizutlax stante nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' gurament falz kif kontemplat fl-Artikolu 108 tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe:-

**Artikolu 108 (1)** *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta'qabel ta'dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem Imħallef, Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel ...."*

Il-ligi taghna ma taghtix tifsira jew ahjar definizzjoni ezatta ta' x'jikkostitwixxi gurament falz. Pero’ biex jissusisti r-reat ta' spergur, iridu jezistu jew ahjar jikkonkorru flimkien erbgha elementi u cioe:-

1. xhieda moghtija fi f’kull kaz iehor u cioe’ mhux kawza civili:
2. moghtija taht gurament moghti skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti:
3. li tali xhieda hija <u>falza f'materja partikolari u li taffettwa d-decizjoni tal-gudikant</u>: u
4. il-volunta’ konxja tal-falsita’ f'tali xhieda.

Il-Kodici taghna ma janalizzax l-element tal-falsita’ pero’ jekk naraw il-ligi Taljana fuq dan il-punt insibu li **Antolisei** a fol. 845 tal-ktieb tieghu ***Manuela di Diritto Penale (pt. 11 speciale)*** jghid:

"*Commetta questo delitto (i. e. falsa testimonianza) colui che deponendo come testimone inanzi all'autorita giudiziaria, afferma il falso o nega il vero ovvero tace, in tutto o in parte, cioe che sa intorna ai fatti sui quali e interrogato.*"

Ghalhekk jiehu gurament falz kull min jikkonferma l-falz jew jinnega l-verita’.

Huwa mportanti pero' li dan isir b'mod voluntarju u bil-konsapevolezza kollha. Jigifieri li huwa mportanti li jigi ppruvat apparti l-falsita' attwali, u possibilita' ta' hsara lill-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, irid jigi ppruvat *il-mens rea* li x-xhud qed jghid il-falz.

Dwar dan l-element u cioe' li l-falsita' tax-xhieda trid tkun voluntarja u moghtija b'xjenza, il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu jghid:

*"With regards to the element 'willfully made' which constitutes the intentional element of the crime, it is necessary that the person making the statement, should have the full consciousness of preventing the truth. If on account of ignorance, forgetfulness or other cause exclusive of malice, a statement has been made, which is objectively false, no criminal responsibility under this section is incurred."*

L-element materjali ta' dan ir-reat hu t-testimonjanza falza li giet moghtija wara li nghata l-gurament.

Illi fid-dawl tal-provi mismugha jirrizulta li kien l-imputat li ha l-gurament u rrilaxja l-affidavit quddiem in-Nutar Alexandra Micallef li hija m'hemmx dubju persuna b'ligi li ghandha s-setgha li taghti l-gurament u dan nhar il-5 ta' Awwissu, 2013 (Dok AM1 fol. 87). Illi

f'dan l-affidavit l-imputat halef li kien hu li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Skoda HAC 847 sejjer lejn il-Belt ghaddej minn Triq Aldo Moro, Marsa. Spjega li quddiemu kien hemm karozza tal-ghamla Toyota li din waqfet u l-karozza ta' warajha tal-ghamla Peugeot dahlet go fiha u hu waqaf quddiem il-vettura Peugeot jghid li hsara ma kellux. Jghid li s-sewwieq tal-Peugoet stqarr li huwa kien dahal go fih u bl-impatt baqa' diehel fil-vettura Toyota pero' fil-fehma tieghu dan mhux minnu.

In-Nutara Alexandra Micallef giet mistoqsija jekk gharfitx lill-imputat bhala l-persuna li rrilaxjat l-istqarrija twiegeb fl-affermattiv. Illi fid-dawl tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizutla li din il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat dwar l-incident mhiex veritiera u l-Qorti hija propensa temmen lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' lil Lorene Hili u Mario Camilleri dwar kif sehh l-incident u ghalhekk tikkonkludi li verament l-imputat halef il-falz f'dan l-istess affidavit. Il-Qorti temmen ukoll li l-imputat kien jaf x'inhu jaghmel u li dak li ghamel ghamlu b'mod volontarju u ntenzjonalment.

L-Avukat Generali fl-Artikoli mibghuta minnu ccita ukoll l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

**Artikolu 109.** (1) *"Il-Qorti għandha, meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu, tapplika espressament il-piena*

*tal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bħala perit, f'kull*

*każ li jkun"*

Illi ghalhekk in vista li din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' gurament falz ai termini tal-artikolu 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ukoll tapplika l-piena ta' interdizzjoni u dan sabiex l-imputat ma jservix bhala xhud hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala perit f'kull kaz li jkun.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi citati mill-Avukat Generali u cioe' l-Artikoli 17, 23, 31, 106(1)(2) u (3), 108(1)(b) u 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Joseph Zammit hati tal-akkuza kif disposta fl-Artikolu 106 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tilliberah minnha pero' hati tal-akkuza kif disposta fl-Artikolu 108(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li tikkundanah ghall-piena karcerarja ta' xahar sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna ukoll ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tapplika l-piena ta' interdizzjoni u dan sabiex l-imputat ma jservix bhala xhud hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhal perit f'kull kaz li jkun.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------